

# Il-festival tal-KTIEB FUQ IL-KAMPUS

L-UNIVERSITÀ

5-7 TA' MEJJU 2015

MID-09:00 SAT-15:00 • MIS-19:00 SAD-21:30

għmu
għaqda tal-malti
università • 1931

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb





# It-Tlieta
## 5 TA' MEJJU

**09:30** — ***Dibattitu***

Il-ktieb konvenzjonali u dak diġitali; liema minn dawn huwa l-iktar effiċjenti? X'inhuma l-vantaġġi u l-iżvantaġġi tagħhom? U lokalment, 'il fejn mexjin? **– Il-Kummissjoni tal-Edukazzjoni (KSU).**

---

**11:00** — ***Taħdita***

*Dinjet il-Qattus (Catlore)*. Attività dwar il-ktieb ta' Desmond Morris, li ġie maqlub għall-Malti minn Toni Aquilina **– Pubblikazzjonijiet Faraxa**.

---

**12:30** — ***Dimostrazzjoni***

Glen Calleja b'dimostrazzjoni dwar il-produzzjoni tal-kotba. Waqt din l-attività, l-udjenza tkun tista' tara mill-qrib il-proċess li jgħaddi minnu l-ktieb.

---

**19:00** — ***Intervista***

Melvic Zammit, ġurnalist u student tal-Malti, jintervista lil Walid Nabhan, l-awtur rebbieħ tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb bir-rumanz *L-Eżodu taċ-Ċikonji*. Walid huwa vuċi unika fix-xena letterarja Maltija, minħabba l-isfond tiegħu u l-intensità li jikteb biha.

---

**20:00** — ***Lejla Letterarja***

Lejla letterarja mal-awturi Marlene Saliba, Sheryl Loeffler, Therese Pace, u Toni Aquilina **– Pubblikazzjonijiet Faraxa.**



Il-festival tal-KTIEB FUQ IL-KAMPUS

# L-Erbgħa
## 6 TA' MEJJU

**11:00** **Taħdita**

*Bonds in the Mirror of Time (Ilkoll ta' Nisel Wieħed)*. Attività dwar ir-rumanz ta' Rena Balzan – **Pubblikazzjonijiet Faraxa.**

---

**12:00** **Taħdita**

Il-*Comics*: Mezz edukattiv għaż-żminijiet tal-lum. Il-kelliema se jiddiskutu l-użu tal-*comics* u l-*graphic novels* bħala mezz edukattiv b'sessjoni maqsuma fi tlieta, b'tagħrif kemm għall-edukaturi kif ukoll għall-istudenti – **Graphic Novel Library Malta.**

---

**13:30** **Qari**

Qari minn *Għaraq Xort' Oħra*, ġabra ta' letteratura *gay* tradotta għall-Malti. Il-kitbiet huma tal-awturi Slovani Brane Mozetič u Suzana Tratnik. Attività mtellgħa mill-WE ARE.

---

**19:30** **Intervista**

Pierre J. Mejlak, l-awtur rebbieħ tal-Premju Letterarju tal-Unjoni Ewropea. Intervistat minn Justine Somerville u Lara Cilia. Pierre J. Mejlak huwa magħruf l-aktar għan-novelli tiegħu, miġbura f'*Qed Nistenniek Nieżla max-Xita* u *Dak li l-Lejl Iħallik Tgħid*. Dan l-aħħar ktieb u novelli oħra ġew tradotti u ppubblikati fil-ktieb *Having said goodnight.*

# Il-Ħamis
## 7 TA' MEJJU

**11:00** — ### Taħdita

Parrini protettriċi u listi ta' xewqat - awguratriċi ta' potenzjal ġejjieni (Fairy god mothers and wish lists - giving voice to future potential). Attività minn JosAnn Cutajar – **Pubblikazzjonijiet Faraxa.**

---

**12:00** — ### Diskussjoni

Diskussjoni dwar l-użu tal-midja fil-ħajja ta' kuljum. Għal din id-diskussjoni se jiġu mistiedna diversi kittieba u esponenti magħrufin f'Malta. Fost it-temi diskussi, se jkun hemm il-bilingwiżmu, u l-influwenza tal-midja u t-teknoloġija – **Insite**.

---

**19.30** — ### Tnedija

It-tnedija tal-pubblikazzjoni *Frekwenzi Msikkta*, ta' Justin Schembri u Tyrone Grima
– **Pubblikazzjonijiet Horizons.**

---

**21:30** — ### Mużika

Il-Festival jagħlaq b'mużika *live*.

# Oħrajn

### Dawriet mal-Librerija

Matul it-tlett ijiem tal-Festival, il-librerija tal-Università se tkun qed torganizza dawriet mal-librerija u s-sezzjonijiet speċjali tagħha. Dawn se jkunu fid-9:00, fl-10:00, u fil-11:00.

---

### Wirja

Se jkun hemm ukoll wirja speċjali fil-Librerija, fil-vetrini tal-ewwel sular.

*Ħajr lil **Outlook Coop** għad-disinn*